MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru 6/2013

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**v.**

**David Mifsud”**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat in-nota ta’ l-uffiċjal tal-*probation* Antonella Spagnol tal-25 ta’ Marzu 2013 li biha għamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi David Mifsud naqas li jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga billi naqas li jżomm mal-pjan imfassal skond il-bżonnijiet tiegħu sabiex jibda program ta’ rijabilitazzjoni residenzjali u anke biex iżomm ’il bogħod mill-abbuż tad-droga;

**2.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939 u l-artikoli 17(b), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi David Mifsud ħati ta' l-imputazzjonijiet addebitati lilu, u ċioe` talli f'dawn il-Gżejjer, nhar-id 29 ta' Gunju 2009, kif ukoll fl-aħħar ħames snin, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond iddisposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif

sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dik ir-raza (skont l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta;

4. talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. nhar it-22 ta' Marzu 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħdet lill-imsemmi David Mifsud taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tliet snin taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

"Li matul dan il-perijodu l-*probationer* iġib ruħu tajjeb u jgħaddi ħajja ta' bżulija;

"Li joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal tal-*probation* li jistgħu jingħatawlu minn żmien għal żmien;

"Li jattendi għal-laqgħat kollha li l-uffiċjal tal-*probation* jiffissa/tiffissa minn żmien għal żmien u jagħti lill-istess uffiċjal kull informazzjoni li tiġi mitluba lilu;

"Li jagħti lill-uffiċjal tal-*probation* dawk il-*urine samples* li jista' minn żmien għall-ieħor jiġi mitlub sabiex jiġu analiżżati għall-preżenza o meno ta' sustanzi illegali;

"Li jirċievi żjarat ta' l-istess uffiċjal tal-*probation* kemm fid-dar tiegħu kif ukoll fuq il-post tax-xogħol;

"Li jekk ikun se jbiddel l-indirizz tar-residenza tiegħu jew in-numru tal-*mobile* tiegħu, jagħti preavviż ta' almenu ħmistax-il ġurnata lill-uffiċjal tal-*probation* tiegħu;

"Li tul iż-żmien tal-*probation* ma jkunx jista' jsiefer minn dawn il-Gżejjer mingħajr l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti;

"Li jikkompleta l-programm ta' rijabilitazzjoni fi ħdan waħda mill-aġenziji li jaħdmu kontra l-vizzju tad-droga mingħajr interruzzjoni, kif jiġi suġġerit lilu mill-uffiċjal tal-*probation* tiegħu, u li jieħu kwalunkwe kura oħra, u jibda u jkompli kwalunkwe programm ta' rijabilitazzjoni oħra li jiġi suġġerit lilu mill-uffiċjal tal-*probation* sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga;

"Li jmur għal dawk l-appuntamenti li jiġu ffissati ma' professjonisti u li jikkonsulta mal-professjonisti kollha li jiġu riferiti lilu mill-uffiċjal tal-*probation* u li joqgħod għal kull direttiva li dawn il-professjonisti jagħtuh."

**4.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Antonella Spagnol; rat l-atti l-oħra kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

**5.** Mill-provi jirriżulta illi l-*probationer* għandu problema akuta ta' abbuż tad-droga. Skond l-uffiċjal tal-*probation* tiegħu, huwa kien ġie riferut lill-Aġenzija SEDQA fejn tfassal pjan ta' kura. Parti mill-pjan kien jinvolvi li l-*probationer* iqatta' perijodu qasir ġewwa d-Dual Diagnosis Unit u wara jidħol fl-Assessment and Stabilisation Unit bħala preparazzjoni għal programm residenzjali. Sfortunatament iddeċieda li jitlaq mid-Dual Diagnosis Unit "għax sostna fi kliemu li ma kienx lest li jservi programm residenzjali".

**6.** Fis-seduta miżmuma minn din il-Qorti fit-12 ta' April 2013, l-imsemmi David Mifsud iddikjara li kien lest jagħmel programm residenzjali minħabba l-problema tad-droga. Effettivament daħal id-Dual Diagnosis Unit, kompla fl-Assessment and Stabilising Unit u beda l-programm residenzjali fil-komunita` Santa Marija. Mingħajr mistenni, fit-30 ta' Ottubru 2013 iddeċieda li jitlaq mill-programm. Mix-xiehda ta' l-uffiċjal tal-*probation* jirriżulta li hija tagħtu appuntament għall-għada stess u meta attenda ammetta magħha li kien diġa` abbuża mid-droga. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2013 il-*probationer* informa lill-Qorti li xtaq jesplora l-possibilita` li jibda programm mal-CARITAS. Il-Qorti tagħtu din l-opportunita`, iżda fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 infurmaha li kien dieħel Dar l-Impenn biex

jerġa’ jibda l-programm f’Santa Marija. Daħal hemm fit-22 ta’ Novembru 2013 iżda fl-24 ta’ Novembru 2013 qabad u telaq u reġa’ abbuża mid-droga.

**7.** L-iskop tal-*probation* hu li persuni misjuba ħatja ta’ xi reat jew reati jingħataw l-għajnuna meħtieġa minn uffiċjal tal-*probation* kif ukoll minn professjonisti oħra, skond il-ħtieġa. Hija ħasra li l-*probationer* ma kompliex bil-progress li kien beda juri. Hija ħasra wkoll illi ma jidher li għandu ebda rieda biex ibiddel it-triq li qabad. Id-denunzja kienet saret peress illi l-*probationer* naqas li jsegwi l-pjan ta’ kura li kien tfassal għalih. Din il-Qorti għamlet li setgħet biex tipperswadi lill-*probationer* u tgħinu, bl-assistenza ta’ l-uffiċjal tal-*probation* tiegħu, jagħmel il-programm residenzjali li tant għandu bżonn. Dawn it-tentattivi kollha fallew. Il-*probationer* reġa’ qiegħed fil-pożizzjoni li kien meta saret id-denunzja. Konsegwentement din il-Qorti m’ghandha l-ebda triq oħra ħlief li tittratta mal-*probationer* mill-ġdid għar-reati hawn fuq imsemmija kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* David Mifsud kiser l-ordni ta’ *probation* tad-19 ta’ Ottubru 2011, tittratta miegħu mill-ġdid għall-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija (paragrafu tnejn (2)) u, wara li rat l-artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939 u l-artikoli 17(b), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imsemmi David Mifsud għal priġunerija għal perijodu ta’ disa’ xhur.

**Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin għall-ħtieġa li hemm li l-imsemmi David Mifsud jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex jagħmel programm ta’ kura u rijabilitazzjoni minħabba l-problema tad-droga, kif ukoll li jingħata l-għajnuna psikjatrika meħtieġa.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------